MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 27/2003

**“Martin Vella Brown Garage Ltd” u
Martin Vella u Alexandra Vella
ghal kull interess li jista’ jkollhom**

**vs**

**Less Company Limited u
Mohammed Barbar Al Zamate**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, disaa’ mija u seba’ liri Maltin (Lm2,907) rrapprezentanti s-somma ta’ elf u tliet mitt lira (Lm1,300) ammont ta’ flus misluf lill-konvenuti u l-bilanc ta’ elf, sitt mija u seba’ liri (Lm1,607) kwantu ghall-prezz ta’ xoghol u ‘spares’ li saru fuq vettura tal-marka BMW, kif ordnat mill-konvenut Mohammed Barbar Al Zamate.

Bl-ispejjez u l-imghax legali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma deherx;

Billi l-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici pprovat l-kaz taghha fi grad li trid il-Ligi;

Fil-kontumacja tal-konvenut;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------